PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2011/0394(COD)**

10.7.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020)
(COM(2011)0834 – C7-0463/2011 – 2011/0394(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emma McClarkin

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur tilqa' l-Programm COSME kif propost mill-Kummissjoni għall-2014-2020 li l-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi tal-Unjoni kif ukoll li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Ir-Rapporteur tqis li l-Programm għandu tassew jiffoka fuq it-tħeġġiġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-intrapriżi Ewropej, partikolarment l-SMEs. Għandu jkollu wkoll l-għan li jiffaċilita aċċess aħjar għall-finanzjament u li jippromwovi l-intraprenditorija, anke fost gruppi speċifiċi bħaż-żgħażagħ u n-nisa. Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għas-swieq, partikolarment fl-Unjoni, iżda anke globalment, hija objettiv fundamentali ieħor.

Ir-Rapporteur tqis li l-impjieg indipendenti u l-iżvilupp tan-negozji huma sorsi importanti ta' tkabbir u ħolqien tal-impjiegi fil-livell tal-UE. Għalhekk, jeħtieġ li jittejbu l-kundizzjonijiet għall-imprendituri, speċjalment l-SMEs, u għaċ-ċittadini li jridu jibdew negozju. Meta fasslet din l-opinjoni, ir-Rapporteur iffukat fuq xi oqsma fundamentali li jistgħu jikkontribwixxu favur dan l-objettiv:

- il-promozzjoni tal-użu ta' mudelli kummerċjali kompetittivi ġodda u l-kooperazzjoni tal-SMEs f'katini tal-valur ġodda u fi swieq ġodda;
- it-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament fil-fażi tal-bidu u tat-tkabbir;
- it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni ta' ostakli li jieħdu l-ħin għall-SMEs;
- it-tisħiħ tal-promozzjoni tal-programmi u l-fondi COSME lill-SMEs sabiex ikunu konxji dwar l-opportunitajiet finanzjarji li jistgħu jibbenefikaw minnhom;
- il-finanzjament tan-Netwerk ta' Appoġġ Ewropew għall-Intrapriżi speċjalment biex jiġu identifikati l-programmi tal-UE li jistgħu jtejbu l-kompetittività u t-tkabbir tan-negozji fis-Suq Uniku;
- l-appoġġ tal-SMEs billi jingħataw pariri u informazzjoni dwar kwistjonijiet bħall-ostaki għad-dħul fis-suq, l-opportunitajiet kummerċjali, l-istandards u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżi terzi prijoritarji;
- il-promozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni fir-rigward tas-servizzi diġitali;
- għandha titqiegħed fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ biex ikun żgurat li l-banek jużaw il-fondi u l-garanziji biex iżidu s-self lill-SMEs;

Ir-Rapporteur tal-fehma li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex terġa' tieħu miżuri li diġà jkunu qed jittieħdu mill-Istati Membri. Għalhekk, ir-Rapporteur tistenna b'ħerqa r-riżultati tal-eżerċizzju ta' mmappjar li qed isir attwalment mill-Kummissjoni. Huwa fundamentali li COSME jagħti valur miżjud u li l-flus li jintefqu fuq dan il-programm jintużaw għal miżuri li joħolqu t-tkabbir.

F'termini ta' miżuri ta' appoġġ u simplifikazzjoni, ir-Rapporteur tissottolinja l-valur tar-regolamentazzjoni intelliġenti, inklużi verifiki tal-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u valutazzjonijiet tal-impatt tal-miżuri tal-Unjoni ta' rilevanza partikolari għall-kompetittività u t-tkabbir tal-intrapriżi. Biex in-negozji jkollhom anqas xkiel u biex jitħeġġeġ it-tkabbir fejn ikun meħtieġ, il-leġiżlazzjoni għandha tiġi ssimplifikata jew revokata u l-piżijiet fuq l-SMEs għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun f'leġiżlazzjoni futura.

Ir-Rapporteur tikkondividi l-approċċ tal-Kummissjoni li l-mikrointrapriżi għandhom ikunu eżentati mil-leġiżlazzjoni tal-UE sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni li turi li dan m'għandux isir. Il-promozzjoni tal-użu tat-test tal-SMEs u tat-testijiet tal-impatt fuq il-kompetittività, li għandhom isiru wkoll mill-Istati Membri, hija kruċjali biex jitnaqqsu l-piżijiet.

Fir-rigward tat-turiżmu, ir-Rapporteur m'għandhiex dubji li dan is-settur qed jiġi ttrattat b'mod differenti filwaqt li setturi oħrajn, bħall-akkwist pubbliku u s-servizzi li huma kruċjali għat-tkabbir, mhumiex. Skont ir-Rapporteur, l-evalwazzjoni ta' COSME, inklużi l-impatti fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, sabiex jiġi mmonitorjat kemm fil-fatt intlaħqu l-objettivi tal-Programm, hija essenzjali.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “L-Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” f’Marzu 2010 (minn hawn *‘il* quddiem "l-Istrateġija Ewropa 2020"). Il-Komunikazzjoni kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2010. L-Istrateġija Ewropa 2020 twieġeb għall-kriżi ekonomika u hija maħsuba biex tħejji l-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin. Din tistipula ħames miri ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija, l-impjiegi, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l- | (1) Il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “L-Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” f’Marzu 2010 (minn hawn *'il* quddiem "l-Istrateġija Ewropa 2020"). Il-Komunikazzjoni kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2010. L-Istrateġija Ewropa 2020 twieġeb għall-kriżi ekonomika u hija maħsuba biex tħejji l-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin. Din tistipula ħames miri ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija, l-impjiegi, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| inklużjoni soċjali li jridu jintlaħqu sal-2020 u tidentifika l-ixpruni ewlenin għat-tkabbir, li jimmiraw li jagħmlu lill-Ewropa aktar dinamika u kompetittiva. Din tenfasizza wkoll l-importanza li jkun rinfurzat it-tkabbir tal-ekonomija Ewropea filwaqt li twettaq livell għoljin ta' impjiegi, karbonju baxx, ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u l-koeżjoni soċjali. | inklużjoni soċjali li jridu jintlaħqu sal-2020 u tidentifika l-ixpruni ewlenin għat-tkabbir, li jimmiraw li jagħmlu lill-Ewropa aktar dinamika u kompetittiva. Din tenfasizza wkoll l-importanza li jkun rinfurzat it-tkabbir tal-ekonomija Ewropea filwaqt li twettaq livelli għoljin ta' impjiegi, karbonju baxx, ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u l-koeżjoni soċjali***, pereżempju permezz tal-SMEs li għandhom rwol importanti biex jintlaħqu dawk il-miri***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rwol importanti tal-SMEs biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 huwa rifless fil-fatt li l-SMEs jissemmew f'sitta mis-seba' inizjattivi ewlenin tagħha. L-importanza tal-SMEs għandha għalhekk tkun enfasizzata fid-*deskrizzjoni tal-Programm.

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sabiex ikun żgurat li l-industrija jkollha sehem ċentrali fit-twettiq tat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bit-titolu "Politika industrijali integrata għal era ta' globalizzazzjoni fejn il-kompetittività u s-sostenibbiltà jkunu ċentrali" f'Ottubru 2010, li kienet approvata mill-Kunsill Ewropew dwar il-Konklużjonijiet tagħha ta' Diċembru 2010. Din hija inizjattiva prominenti tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija li timmira li tagħti spinta lit-tkabbir u l-impjiegi billi żżomm u ssostni bażi qawwija industrijali diversifikata u kompetittiva fl-Ewropa, notevolment permezz ta' titjib tal-kundizzjonijiet qafas għall-intrapriżi u n-negozju, kif ukoll permezz tat-tisħiħ ta' bosta aspetti tas-Suq Uniku, inklużi servizzi relatati man-negozju. | (2) Sabiex ikun żgurat li l-industrija jkollha sehem ċentrali fit-twettiq tat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, ***li huwa prijorità ewlenija,*** il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bit-titolu "Politika industrijali integrata għal era ta' globalizzazzjoni fejn il-kompetittività u s-sostenibbiltà jkunu ċentrali" f'Ottubru 2010, li kienet approvata mill-Kunsill Ewropew dwar il-Konklużjonijiet tagħha ta' Diċembru 2010. Din hija inizjattiva prominenti tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija li timmira li tagħti spinta lit-tkabbir u l-impjiegi billi żżomm u ssostni bażi qawwija industrijali diversifikata u kompetittiva fl-Ewropa, notevolment permezz ta' titjib tal-kundizzjonijiet qafas għall-intrapriżi u n-negozju, kif ukoll permezz tat-tisħiħ ta' bosta aspetti tas-Suq Uniku, inklużi |

| | |
|---|---|
| | servizzi relatati man-negozju. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Id-distakki, il-frammentazzjoni u l-burokrazija żejda fis-Suq Uniku ma jħallux liċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, jieħdu l-benefiċċji kollha tiegħu. Ħafna SMEs, pereżempju, jaffaċċjaw diffikultajiet kontinwi meta jippruvaw jinnegozjaw transkonfinalment. Għalhekk sforzi miftiehma min-naħa tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri sabiex jindirizzaw l-implimentazzjoni, il-leġiżlazzjoni u n-nuqqasijiet fl-informazzjoni huma meħtieġa ħafna. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw ukoll biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, finanzjarji u regolatorji eċċessivi fuq l-SMEs.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Sabiex ikun hemm kontribut lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni, partikolarment l-SMEs, l-avvanz tas-soċjetà tal-għarfien, u l-iżvilupp msejjes fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat, għandu jkun stabbilit Programm dwar il-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (minn hawn *'il* quddiem "il-Programm"). | (6) Sabiex ikun hemm kontribut lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni, partikolarment l-SMEs, l-avvanz tas-soċjetà tal-għarfien, u l-iżvilupp msejjes fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat, għandu jkun stabbilit Programm dwar il-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (minn hawn *'il* quddiem "il-Programm"). ***Mingħajr ma jkun hemm programmi li jidħlu f'xulxin fuq livell ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***Stat Membru, il-Programm għandu jkun speċifikament faċilment aċċessibbli għall-SMEs kollha, partikolarment l-intrapriżi żgħar u l-mikroentitajiet.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-kompetittività tal-politika tal-Unjoni hija maħsuba biex nistabbilixxu l-arranġamenti istituzzjonali u politiċi li joħolqu l-kundizzjonijiet li taħthom l-intrapriżi jistgħu jikbru b'mod sostenibbli. Produttività mtejba hija sors dominanti ta' introjtu sostenibbli tat-tkabbir, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għal titjib fl-istandards tal-għajxien. Il-kompetittività tiddependi wkoll fuq l-abbiltà tal-kumpaniji sabiex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet bħalma hu s-Suq Uniku Ewropew. Dan huwa speċjalment importanti għall-SMEs, li jirrappreżentaw 99 % tal-intrapriżi fl-Unjoni, jipprovdu tnejn mit-tliet impjiegi eżistenti fis-settur privat, u 80 % tal-impjiegi ġodda, u jikkontribwixxi b'iktar min-nofs tat-total tal-valur miżjud maħluq mill-intrapriżi fl-Unjoni. L-SMEs huma mutur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali. | (8) Il-kompetittività tal-politika tal-Unjoni hija maħsuba biex nistabbilixxu l-arranġamenti istituzzjonali u politiċi li joħolqu l-kundizzjonijiet li taħthom l-intrapriżi jistgħu ***jinħolqu u*** jikbru b'mod sostenibbli. Produttività mtejba hija sors dominanti ta' introjtu sostenibbli tat-tkabbir, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għal titjib fl-istandards tal-għajxien. Il-kompetittività tiddependi wkoll fuq l-abbiltà tal-kumpaniji sabiex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet bħalma hu s-Suq Uniku Ewropew. Dan huwa speċjalment importanti għall-SMEs, li jirrappreżentaw 99 % tal-intrapriżi fl-Unjoni, jipprovdu tnejn mit-tliet impjiegi eżistenti fis-settur privat, u 80 % tal-impjiegi ġodda, u jikkontribwixxi b'iktar min-nofs tat-total tal-valur miżjud maħluq mill-intrapriżi fl-Unjoni. L-SMEs huma mutur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Programm għandu partikolarment jindirizza lill-SMEs, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li | (11) Il-Programm għandu partikolarment jindirizza lill-SMEs, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li |

| | |
|---|---|
| tikkonċerna d-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro, lill-intrapriżi impenjati fl-attivitajiet artiġjanali ***u lill-intrapriżi soċjali***. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-karatteristiċi speċifiċi ***u rekwiżiti tal-intraprendituri*** żgħażagħ, intraprendituri potenzjali u ġodda u intraprendituri nisa***, kif ukoll*** gruppi speċifiċi ***fil-mira***, bħal pereżempju, il-migranti ***u l-intraprendituri li jappartjenu għal gruppi soċjalment żvantaġġati jew vulnerabbli bħalma huma persuni*** b'diżabilità. Il-Programm għandu wkoll iħeġġeġ lil ċittadini anzjani jsiru u jibqgħu intraprendituri u jiġu promossi ***it-tieni*** ċansijiet għall-intraprendituri. | tikkonċerna d-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro ***u*** lill-intrapriżi impenjati fl-attivitajiet artiġjanali. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-karatteristiċi speċifiċi ***ta' gruppi fil-mira, bħall-intraprendituri*** żgħażagħ, intraprendituri potenzjali u ġodda u intraprendituri nisa***. Informazzjoni mmirata għandha tkun provduta għal*** gruppi speċifiċi, bħal pereżempju, il-migranti u ***l-persuni*** b'diżabilità. Il-Programm għandu wkoll iħeġġeġ lil ċittadini anzjani jsiru u jibqgħu intraprendituri u jippromwovi ***t-trasferiment tal-intrapriżi, l-ispin-offs u t-tieni*** ċansijiet għall-intraprendituri. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex ikollhom l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom u jkollhom diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-kapital tar-riskju. Dan għandu effett negattiv fuq il-livell u l-kwalità ta' intrapriżi ġodda maħluqa ***u*** fuq it-tkabbir tal-intrapriżi. Il-valur miżjud għall-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji proposti tinsab inter alia fit-tisħiħ tas-Suq Uniku għall-kapital ta' riskju u fl-iżvilupp tas-suq tal-finanzjament tal-SMEs pan-Ewropew. L-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu kumplimentarji għall-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-Istati Membri għall-SMEs. L-entitajiet delegati bl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għandhom jiżguraw addizzjonalità u se jevitaw finanzjament doppju permezz ta' riżorsi tal-UE. | (12) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex ikollhom l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom u jkollhom diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-kapital tar-riskju. Dan għandu effett negattiv fuq il-livell u l-kwalità ta' intrapriżi ġodda maħluqa***,*** fuq it-tkabbir tal-intrapriżi ***u fuq is-suċċess tat-trasferimenti tas-sjieda jew tat-trasferimenti ġenerazzjonali***. Il-valur miżjud għall-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji proposti tinsab inter alia fit-tisħiħ tas-Suq Uniku għall-kapital ta' riskju u fl-iżvilupp tas-suq tal-finanzjament ***simplifikat u aktar trasparenti*** tal-SMEs pan-Ewropew. L-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu ***koerenti, konsistenti u*** kumplimentarji għall-użu tal-istrumenti finanzjarji tal-Istati Membri għall-SMEs. L-entitajiet delegati bl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għandhom jiżguraw |

| | |
|---|---|
| | addizzjonalità u se jevitaw finanzjament doppju permezz ta' riżorsi tal-UE. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-garanzija tal-kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' intrapriżi huwa element importanti ħafna fl-iżgurar tad-disponibilità tal-fondi. Id-disponibilità ta' kapital meta jseħħu bidliet fis-sjieda hija waħda mill-isfidi ewlenin għall-politika tal-intraprenditorija.*

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) In-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi ***wera li kien ta' valur*** miżjud għall-SMEs Ewropej ***bħala "one-stop-shop"*** ta' appoġġ għan-negozji ***billi għin intrapriżi*** biex itejbu l-kompetittività tagħhom u jesploraw l-opportunitajiet kummerċjali fis-Suq Uniku u lil hinn. It-tħaffif tal-metodoloġiji u l-metodi ta' ħidma u d-dispożizzjonijiet ta' dimensjoni Ewropea għal servizzi ta' appoġġ għan-negozju jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, in-Netwerk għin lill-SMEs isibu kooperazzjoni jew sħab ta' trasferiment tat-teknoloġija, jiksbu pariri dwar sorsi ta' finanzjament u dwar il-proprjetà intellettwali u dwar l-eko-innovazzjoni u l-produzzjoni sostenibbli. Kiseb ukoll rispons dwar il-leġiżlazzjoni u l-istandards tal-Unjoni. L-Għarfien espert uniku tiegħu huwa partikolarment importanti sabiex jingħelbu l-assimetriji fl-informazzjoni u jittaffew l-ispejjeż tat-transazzjoni assoċjati ma' tranżazzjonijiet transkonfinali. | (13) In-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi ***jrid jibqa' juri l-valur*** miżjud ***tiegħu*** għall-SMEs Ewropej ***fl-identifikazzjoni ta' programmi u servizzi xierqa tal-Unjoni*** ta' appoġġ għan-negozji biex itejbu l-kompetittività tagħhom u jesploraw l-opportunitajiet kummerċjali fis-Suq Uniku u lil hinn. It-tħaffif tal-metodoloġiji u l-metodi ta' ħidma u d-dispożizzjonijiet ta' dimensjoni Ewropea għal servizzi ta' appoġġ għan-negozju jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, in-Netwerk għin lill-SMEs isibu kooperazzjoni jew sħab ta' trasferiment tat-teknoloġija, jiksbu pariri dwar sorsi ta' finanzjament ***tal-Unjoni*** u dwar il-proprjetà intellettwali u dwar ***programmi tal-Unjoni biex jinkoraġġixxu*** l-eko-innovazzjoni u l-produzzjoni sostenibbli. Kiseb ukoll rispons dwar il-leġiżlazzjoni u l-istandards tal-Unjoni ***u inkoraġġixxa b'suċċess il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi programmi ta' finanzjament tal-UE, bħas-Seba' Programm Qafas***. L-Għarfien espert uniku tiegħu huwa partikolarment importanti sabiex jingħelbu l-assimetriji fl-informazzjoni u jittaffew l-ispejjeż tat-transazzjoni assoċjati ma' tranżazzjonijiet transkonfinali. ***Fejn hu possibbli n-Netwerk għandu jkun perfezzjonat aktar permezz ta' kuntatt aħjar ma' punti ta' kuntatt nazzjonali u profil ogħla fl-Istati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-attivitajiet f'dan il-qasam jistgħu joħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-SMEs meta jippjanaw biex isiru attivi barra minn pajjiżhom. Attivitajiet bħal dawn għandhom, fost l-oħrajn, jinkludu informazzjoni fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-istandards tekniċi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Biex tittejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, notevolment l-SMEs, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom bżonn joħolqu ambjent kummerċjali favorevoli. L-interessi tal-SMEs ***u s-setturi li fihom huma l-iktar attivi*** jeħtieġu attenzjoni partikulari. Inizjattivi fil-livell tal-Unjoni huma meħtieġa biex ikunu żviluppati opportunitajiet indaqs għall-SMEs ***u*** biex ikunu skambjati informazzjoni u għarfien fuq skala Ewropea. | (15) Biex tittejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, notevolment l-SMEs, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom bżonn joħolqu ambjent kummerċjali favorevoli ***billi jitnaqqas il-piż tal-leġiżlazzjoni***. L-interessi tal-SMEs jeħtieġu attenzjoni partikulari. Inizjattivi fil-livell tal-Unjoni huma meħtieġa biex ikunu żviluppati opportunitajiet indaqs għall-SMEs**,** biex ikunu skambjati informazzjoni u għarfien fuq skala Ewropea ***u biex ikun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' politika tal-SMEs tal-Unjoni komuni b'valur miżjud Ewropew. Is-servizzi diġitali jistgħu jkunu partikolarment kosteffikaċi f'dan il-qasam.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(15a) L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ adegwati tas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim għal tilwim tal-konsumaturi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippermettu li t-tilwim jissolva qabel, b'anqas spejjeż u burokrazija kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti, u għalhekk jinkoraġġixxi l-SMEs biex jipparteċipaw aktar bis-sħiħ fis-Suq Uniku u jżidu l-kompetittività tagħhom.*** |

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (16) Fattur ieħor li jaffettwa l-kompetittività huwa l-ispirtu intraprenditorjali relattivament dgħajjef fl-Unjoni. Ħamsa u erbgħin fil-mija (45 %) biss taċ-ċittadini tal-Unjoni (u inqas minn 40 % tan-nisa) jixtiequ jaħdmu għal rashom meta mqabbla ma' 55 % tal-popolazzjoni tal-Istati Uniti u 71 % fiċ-Ċina. Effetti ta' dimostrazzjoni u kataliti**ċi, *pereżempju Premjijiet u konferenzi Ewropej*,** kif ukoll koerenza u konsistenza biex jissaħħu l-miżuri bħalma huma l-valutazzjoni komparattiva u l-iskambji tal-aħjar prattiċi jipprovdu valur miżjud Ewropew għoli. | (16) Fattur ieħor li jaffettwa l-kompetittività huwa l-ispirtu intraprenditorjali relattivament dgħajjef fl-Unjoni. Ħamsa u erbgħin fil-mija (45 %) biss taċ-ċittadini tal-Unjoni (u inqas minn 40 % tan-nisa) jixtiequ jaħdmu għal rashom meta mqabbla ma' 55 % tal-popolazzjoni tal-Istati Uniti u 71 % fiċ-Ċina. Effetti ta' dimostrazzjoni u katalitiċi, kif ukoll koerenza u konsistenza biex jissaħħu l-miżuri bħalma huma l-valutazzjoni komparattiva u l-iskambji tal-aħjar prattiċi jipprovdu valur miżjud Ewropew għoli. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(16a) L-SMEs ta' spiss ma jitħallewx jaċċessaw is-swieq tal-akkwist pubbliku*** |

| | |
|---|---|
| | ***minħabba piżijiet amministrattivi eċċessivi fis-sejħiet għall-offerti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membru għandhom jissimplifikaw dawn ir-rekwiżiti sabiex iżidu l-kompetittività u joħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-SMEs.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-kompetizzjoni globali, it-tibdil demografiku, ***restrizzjonijiet fir-riżorsi*** xejriet soċjali emerġenti jiġġeneraw sfidi u opportunitajiet għal ***xi*** setturi. ***Pereżempju, is-setturi bbażati fuq id-disinn*** qed jiffaċċjaw sfidi globali u huma kkaratterizzati minn proporzjon qawwi ta' SMEs ***u għalhekk*** jeħtiġilhom jadattaw biex ***jaħsdu l-benefiċċji u jaħtfu l-potenzjal*** mhux sfruttat ta' domanda għolja ta' prodotti personalizzati u inklużivi. Peress li dawn l-isfidi japplikaw għall-SMEs kollha fl-Unjoni f'dawn is-setturi, hemm bżonn ta' sforz kollettiv fuq il-livell tal-Unjoni. | (17) Il-kompetizzjoni globali, it-tibdil demografiku, ***in-natura limitata tar-riżorsi naturali, u*** xejriet soċjali emerġenti jiġġeneraw sfidi u opportunitajiet għal ***ħafna*** setturi ***li*** qed jiffaċċjaw sfidi globali u huma kkaratterizzati minn proporzjon qawwi ta' SMEs***. Pereżempju, is-setturi bbażati fuq id-disinn*** jeħtiġilhom jadattaw biex jibbenefikaw mill-potenzjal mhux sfruttat ta' domanda għolja ta' prodotti personalizzati u inklużivi. ***Oġġetti tal-konsumatur ibbażati fuq id-disinn jirrappreżentaw settur importanti ekonomiku fl-Unjoni u l-intrapriżi tagħhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għat-tkabbir u l-impjiegi.*** Peress li dawn l-isfidi japplikaw għall-SMEs kollha fl-Unjoni f'dawn is-setturi, hemm bżonn ta' sforz kollettiv fuq il-livell tal-Unjoni ***sabiex jinħoloq tkabbir addizzjonali***. |

**Emenda 15**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010, intitolata "Europe, the world's No 1 tourist destination – a new political framework for | (18) Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010, intitolata "Europe, the world's No 1 tourist destination – a new political framework for |

| | |
|---|---|
| tourism in Europe", li ġiet approvata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2010, it-turiżmu huwa settur importanti tal-ekonomija tal-Unjoni. L-intrapriżi f'dan is-settur jikkontribwixxu sostanzjalment lill-prodott gross domestiku (PGD) tal-Unjoni u l-ħolqien tal-impjiegi u għandhom potenzjal sinifikanti għall-iżvilupp tal-attività imprenditorjali, peress li hija mmexxija prinċipalment mill-SMEs. ***It-Trattat ta' Lisbona jirrikonoxxi l-importanza tat-turiżmu li jiddeskrivi l-kompetenzi speċifiċi tal-Unjoni f'dan il-qasam li jikkomplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri. Hemm*** valur miżjud ċar ***għall-inizattiva tat-turiżmu*** fuq il-livell tal-Unjoni***, speċjalment fil-forniment tad-dejta u l-analiżi, fl-iżvilupp ta' strateġiji ta' promozzjoni transnazzjonali u fl-iskambju tal-aħjar prattiki***. | tourism in Europe", li ġiet approvata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2010, it-turiżmu huwa settur importanti tal-ekonomija tal-Unjoni. ***It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddeskrivi l-kompetenzi speċifiċi tal-Unjoni f'dan il-qasam.*** L-intrapriżi f'dan is-settur jikkontribwixxu sostanzjalment lill-prodott gross domestiku (PGD) tal-Unjoni u l-ħolqien tal-impjiegi u għandhom potenzjal sinifikanti għall-iżvilupp tal-attività imprenditorjali, peress li hija mmexxija***, bħall-biċċa l-kbira tas-setturi kummerċjali,*** prinċipalment mill-SMEs. ***Inizjattivi fis-settur turistiku għandhom jiġu appoġġjati mill-Programm fejn hemm*** valur miżjud ċar fuq il-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Programm għandu jindika azzjonijiet għall-għanijiet, il-pakkett finanzjarju totali biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, it-tipi differenti ta' miżuri ta' implimentazzjoni, u l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. | (19) Il-Programm għandu jindika azzjonijiet għall-għanijiet, il-pakkett finanzjarju totali biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, it-tipi differenti ta' miżuri ta' implimentazzjoni, u l-arranġamenti ***trasparenti*** għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-Programm għandu jikkumplimenta programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li | (20) Il-Programm għandu jikkumplimenta programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li |

| | |
|---|---|
| jirrikonoxxi li kull strument għandu jaħdem skont il-proċeduri speċifiċi tiegħu stess. B'hekk, l-istess spejjeż eliġibbli ma għandhomx jirċievu finanzjament doppju. Bil-għan li jinkiseb il-valur miżjud u l-impatt sostanzjali tal-finanzjament tal-Unjoni, għandhom ikunu żviluppati sinerġiji mill-qrib bejn il-Programm**,** programmi oħrajn tal-Unjoni u l-Fondi Strutturali. | jirrikonoxxi li kull strument għandu jaħdem skont il-proċeduri speċifiċi tiegħu stess. B'hekk, l-istess spejjeż eliġibbli ma għandhomx jirċievu finanzjament doppju. Bil-għan li jinkiseb il-valur miżjud u l-impatt sostanzjali tal-finanzjament tal-Unjoni, għandhom ikunu żviluppati sinerġiji mill-qrib bejn il-Programm ***u*** programmi oħrajn tal-Unjoni***, bħal Orizzont 2020,*** u l-Fondi Strutturali. |

**Emenda 18**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li tissaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni, ***inkluż fis-settur tat-turiżmu***; | (a) li tissaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni***, b'mod partikolari tal-SMEs***; |

**Emenda 19**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li ***titħeġġeġ*** kultura imprenditorjali u jkunu promossi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs. | (b) li ***jiġu mħeġġa spirtu u*** kultura imprenditorjali u jkunu promossi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs. |

**Emenda 20**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-bidliet fil-piż amministrattiv*** fuq l-SMEs, | (c) ***it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u regolatorji*** fuq l-SMEs, |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) u ***r-rata ta' dħul*** tal-SMEs. | (e) u ***l-bidu, it-tkabbir u t-tnaqqis fin-numru ta' fallimenti*** tal-SMEs. |

**Emenda 22**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(a)* li jittejbu l-kondizzjonijiet ta' qafas għall-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni ***inkluż is-settur tat-turiżmu***; | *(a)* li jittejbu l-kondizzjonijiet ta' qafas għall-kompetittività***, it-tkabbir, l-internazzjonalizzazzjoni*** u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni***, partikolarment l-SMEs, anke fis-setturi tas-servizzi u t-turiżmu, l-akkwist u l-intraprenditorija ġdida***; |

**Emenda 23**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(b)* li tkun promossa l-imprenditorija, *inkluż* fost gruppi speċifiċi fil-mira*:* | *(b)* li tkun promossa l-imprenditorija, *anke* fost gruppi speċifiċi fil-mira***, bħaż-żgħażagħ u n-nisa;*** |

**Emenda 24**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(c)* li jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fis-sura ta' ekwità u dejn; | *(c)* li jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fis-sura ta' ekwità u dejn***, bil-kapital ta' riskju b'mod partikolari***; |

**Emenda 25**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(d)* li jittejjeb l-aċċess għas-swieq ***ġewwa l-Unjoni u*** globalment*:* | *(d)* li jittejjeb l-aċċess għas-swieq***, partikolarment fl-Unjoni, kif ukoll*** globalment. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(a)* miżuri li jtejbu d-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw il-kompetittività u *s-sostenibbilità* tal-intrapriżi, inklużi reżiljenza għad-disastri u biex ikun żgurat l-iżvilupp ta' infrastrutturi xierqa, gruppi ta' klassi mondjali u netwerks kummerċjali, kundizzjonijiet ta' qafas u żvilupp ta' prodotti, servizzi u proċessi sostenibbli; | *(a)* miżuri li jtejbu d-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw il-kompetittività u *s-sostenibilità* tal-intrapriżi, inklużi reżiljenza għad-disastri u biex ikun żgurat ***l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar*** l-iżvilupp ta' infrastrutturi xierqa, gruppi ta' klassi mondjali u netwerks kummerċjali, kundizzjonijiet ta' qafas ***u l-promozzjoni ta'*** żvilupp ta' prodotti, servizzi u proċessi sostenibbli; |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(c)* appoġġ għall-SMEs għall-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, partikolarment bil-ħsieb li jittejjeb it-tħaffif tal-aċċess għall-programmi ***u l-miżuri jkunu ta' sostenn tal-SMEs***. | *(c)* appoġġ għall-SMEs għall-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, partikolarment bil-ħsieb li jittejjeb it-tħaffif tal-aċċess għall-programmi***, il-miżuri u li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u regolatorji għall-SMEs***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) miżuri għall-promozzjoni tal-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' informazzjoni u gwida mtejba dwar is-sejħiet għall-offerti u dwar l-opportunitajiet ġodda offruti mill-qafas legali tal-UE modernizzat, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-organizzazzjoni ta' taħriġ u avvenimenti li jinvolvu x-xerrejja pubbliċi u l-SMEs;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Strumenti ta' politika pubblika għandhom jiġu adottati skont il-ħtiġijiet tal-SMEs. Għandhom jagħmlu użu mill-Kodiċi tal-Aħjar Prattika li jipprovdi gwida lill-awtoritajiet kontraenti dwar kif jistgħu japplikaw il-qafas tal-akkwist pubbliku b'mod li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċeduri ta' kuntratti pubbliċi. Sabiex jiġi implimentat il-prinċipju V tal-SBA "Adattament tal-istrumenti ta' politika pubbliċi għall-ħtiġijiet tal-SMEs: faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku u użu aħjar tal-possibilitajiet tal-Għajnuna mill-Istat għall-SMEs", il-COSME għandu jiffinanzja miżuri għall-promozzjoni tal-aċċess għall-SMEs fl-akkwist pubbliku.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni ***tista'*** tappoġġa inizjattivi li jaċċelleraw il-ħolqien tal-industriji kompetittivi bbażati fuq l-attivitajiet transsettorjali f'żoni karatterizzati minn proporzjon għoli ta' SMEs u b'kontribuzzjoni għoli lejn il-PGD tal-Unjoni. Dawn l-inizjattivi għandhom jistimulaw ***l-iżvilupp ta' swieq*** ġodda ***u l-provvista ta' prodotti u servizzi bbażati fuq l-aktar mudelli kummerċjali kompetittivi jew fuq ktajjen ta' valur modifikati***. Dawn ***għandhom*** jinkludu inizjattivi li jtejbu l-produttività, l-effiċjenza tar-riżorsi, is-sostenibilità u r-responsabilità soċjali | 3. Il-Kummissjoni ***għandha*** tappoġġa inizjattivi li jaċċelleraw il-ħolqien tal-industriji kompetittivi bbażati fuq l-attivitajiet transsettorjali f'żoni karatterizzati minn proporzjon għoli ta' SMEs u b'kontribuzzjoni għoli lejn il-PGD tal-Unjoni. Dawn l-inizjattivi għandhom jistimulaw ***l-użu ta' mudelli kummerċjali kompetittivi*** ġodda, ***il-kooperazzjoni tal-SMEs fi ktajjen ta' valur ġodda u l-iżvilupp ta' swieq ġodda, u għandhom jippromwovu prodotti u proċessi mtejba u strutturi organizzattivi flessibbli***. Dawn ***jistgħu*** jinkludu inizjattivi li jtejbu l- |

| | |
|---|---|
| korporattiva. | produttività, l-effiċjenza tar-riżorsi, is-sostenibilità u r-responsabilità soċjali korporattiva. ***L-attivitajiet għandhom jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju ġodda kif ukoll l-użu kummerċjali ta' ideat relevanti għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Kummissjoni tista' tappoġġja wkoll attivitajiet speċifiċi għas-settur għal dawn l-għanijiet, f'żoni karatterizzati minn proporzjon għoli ta' SMEs u b'kontribut għoli għall-PDG tal-Unjoni, bħas-settur tat-turiżmu, f'każi fejn il-valur miżjud fl-Unjoni jista' jintwera b'mod suffiċjenti.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi ***lejn il-promozzjoni tal-imprenditorija*** billi ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas li jaffettwaw l-iżvilupp tal-intraprenditorija. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa ambjent tan-negozju favorevoli ***għall-iżvilupp u t-tkabbir*** tal-intrapriżi. | 1. Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi ***għall-inkoraġġiment tal-ispirtu intraprenditorjali*** billi ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas li jaffettwaw l-iżvilupp tal-intraprenditorija. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa ambjent tan-negozju favorevoli ***għall-bidu, l-iżvilupp, it-trasferiment, it-tkabbir u t-tieni ċansijiet*** tal-intrapriżi. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-SMEs huma sensittivi għal kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu malajr, u huwa importanti li tinżamm miżura ta' flessibilità meta jiġu allokati l-fondi.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l- | 1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l- |

| | |
|---|---|
| aċċess tal-SMEs għall-finanzjament fil-fażijiet tagħhom tal-bidu u t-tkabbir filwaqt li jikkumplimentaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji mill-Istati Membri għall-SMEs fil-livell nazzjonali u reġjonali. Sabiex tkun żgurata l-kumplimentarjetà, dawn l-azzjonijiet se jkunu kkoordinati mill-qrib ma' dawk li jitwettqu fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni u fuq il-livell nazzjonali. Dawn l-azzjonijiet għandhom jimmiraw li jistimolaw il-provvista tal-finanzi tal-ekwità u d-dejn. | aċċess tal-SMEs għall-finanzjament***, u jnaqqsu u jissimplifikaw l-ostakli li jieħdu l-ħin għall-SMEs*** fil-fażijiet tagħhom tal-bidu u t-tkabbir ***u t-trasferiment, mingħajr ma timponi piżijiet amministrattivi u regolatorji addizzjonali u*** filwaqt li jikkumplimentaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji mill-Istati Membri għall-SMEs fil-livell nazzjonali u reġjonali. Sabiex tkun żgurata l-kumplimentarjetà, dawn l-azzjonijiet se jkunu kkoordinati mill-qrib ma' dawk li jitwettqu fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni u fuq il-livell nazzjonali. Dawn l-azzjonijiet għandhom jimmiraw li jistimolaw il-provvista tal-finanzi tal-ekwità u d-dejn. |

**Emenda 32**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-Kummissjoni għandha żżomm l-appoġġ tagħha għan-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi sabiex ikompli t-titjib fil-kompetittività tal-SMEs u l-aċċess għas-swieq***. | 1. ***Sabiex tkompli ttejjeb il-kompetittività u l-aċċess għas-swieq tal-intrapriżi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiffinanzja n-Netwerk ta' Appoġġ Ewropew għall-Intrapriżi biex jiġu identifikati programmi xierqa tal-Unjoni li jistgħu jgħinu biex tittejjeb il-kompetittività tagħhom u jiġu studjati opportunitajiet kummerċjali, partikolarment fis-Suq Uniku, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi li jsiru mill-Istati Membri***. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tappoġġa azzjonijiet biex jittejbu l-aċċess tal-SMEs għas-Suq Uniku inkluż għoti ta' | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tappoġġa azzjonijiet biex jittejbu l-aċċess tal-SMEs għas-Suq Uniku inkluż għoti ta' |

| | |
|---|---|
| informazzjoni u sensibilizzazzjoni. | informazzjoni ***(anke permezz tas-servizzi diġitali)*** u sensibilizzazzjoni ***dwar suġġetti bħal opportunitajiet kummerċjali transkonfinali***. ***Dawn l-azzjonijiet jistgħu wkoll jimmiraw lejn ir-riċerka għat-tneħħija ta' ostakli legali u regolamentari eżistenti. Il-miżuri jistgħu jinkludu li jkun żgurat li l-punti ta' kuntatt tan-Netwerk ta' Appoġġ Ewropew għall-Intrapriżi u s-servizz Europe Direct jingħataw informazzjoni adegwata u, jekk meħtieġ, taħriġ, biex ikun offrut standard ta' servizz għoli għall-SMEs, u enfasi mill-ġdid tan-Netwerk ta' Appoġġ Ewropew għall-Intrapriżi fuq l-għoti ta' appoġġ magħmul apposta għall-SMEs.*** |

**Emenda 34**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-miżuri speċifiċi għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq barra l-Unjoni u li jsaħħu servizzi ta' appoġġ eżistenti f 'dawk is-swieq. L-SMEs jistgħu jirċievu appoġġ permezz tal-Programm dwar l-istandards u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżi terzi ta' prijorità. | 3. Il-miżuri speċifiċi għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq barra l-Unjoni u li jsaħħu servizzi ta' appoġġ eżistenti f 'dawk is-swieq. L-SMEs jistgħu jirċievu appoġġ***, pariri u informazzjoni*** permezz tal-Programm dwar***, inter alia, l-ostakli għad-dħul fis-suq, l-opportunitajiet kummerċjali,*** l-istandards u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżi terzi ta' prijorità. ***Dawn il-miżuri għandhom jikkomplementaw iżda mhux jidduplikaw l-attivitajiet ewlenin għall-promozzjoni tal-kummerċ tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex ikun implimentat il-Programm, | 1. Sabiex ikun implimentat il-Programm, |

| | |
|---|---|
| il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu l-għanijiet segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandu jkollhom deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jkunu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni, kif ukoll indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-effettività fit-twettiq tal-eżiti u l-kisbiet tal-għanijiet. Dawn għandhom jinkludu għotjiet għall-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament. | il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu l-għanijiet segwiti ***abbażi ta' konsultazzjonijiet minn qabel***, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandu jkollhom deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jkunu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni, kif ukoll indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-effettività fit-twettiq tal-eżiti u l-kisbiet tal-għanijiet. Dawn għandhom jinkludu għotjiet għall-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(c)* evalwazzjonijiet tal-impatt tal-miżuri tal-Unjoni ta' rilevanza partikolari għall-kompetittività tal-intrapriżi, bil-ħsieb li jiġu identifikati oqsma ta' leġiżlazzjoni eżistenti li jeħtiġilhom jiġu ssimplifikati, ***jew oqsma*** li fihom ***hemm bżonn li*** jiġu *propost* miżuri leġiżlattivi ġodda; | *(c)* ***"verifiki tal-prestazzjoni" tal-leġiżlazzjoni eżistenti u*** evalwazzjonijiet tal-impatt tal-miżuri tal-Unjoni ta' rilevanza partikolari għall-kompetittività ***u t-tkabbir*** tal-intrapriżi***, u b'mod partikolari tal-SMES,*** bil-ħsieb li jiġu identifikati oqsma ta' leġiżlazzjoni eżistenti li jeħtiġilhom jiġu ssimplifikati ***jew revokati, u li jkun żgurat li l-piżijiet fuq l-SMEs jitnaqqsu kemm jista' jkun f'oqsma*** li fihom jiġu *proposti* miżuri leġiżlattivi ġodda; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(d)* l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni li taffettwa l-intrapriżi, il-politika speċifika industrijali u l-miżuri relatati mal-kompetittività; | *(d)* l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni li taffettwa l-intrapriżi***, u b'mod partikolari l-SMEs***, il-politika speċifika industrijali u l-miżuri relatati mal-kompetittività; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-importanza tal-SMEs għandha għalhekk tkun enfasizzata fid-deskrizzjoni tal-Programm.*

**Emenda 38**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali ta' monitoraġġ li jeżamina l-effiċjenza u l-effettività tal-attivitajiet appoġġati skont l-implimentazzjoni finanzjarja, ir-riżultati u***, fejn hu possibbli,*** l-impatt. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni dwar l-ammont ta' nfiq relatat mal-klima u l-impatt fuq l-appoġġ lill-għanijiet tal-bidla fil-klima sakemm dan il-ġbir ta' din l-informazzjoni ma joħloqx piż amministrattiv mhux ġustifikat għall-SMEs. | 2. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali ta' monitoraġġ li jeżamina l-effiċjenza u l-effettività tal-attivitajiet appoġġati skont l-implimentazzjoni finanzjarja, ir-riżultati u l-impatt***, fosthom, b'mod partikolari, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir***. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni dwar l-ammont ta' nfiq relatat mal-klima u l-impatt fuq l-appoġġ lill-għanijiet tal-bidla fil-klima sakemm dan il-ġbir ta' din l-informazzjoni ma joħloqx piż amministrattiv mhux ġustifikat għall-SMEs. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Mhux iktar tard mill-2018, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-realizzazzjoni tal-għanijiet tal-azzjonijiet kollha skont dan il-Programm fil-livell ta' riżultati u impatti, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew ta' dan, fid-dawl ta' | 3. Mhux iktar tard mill-2018, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni***, li għandu jiġi ppubblikat kull tliet snin,*** dwar il-kisba tal-objettivi tal-azzjonijiet appoġġati kollha skont dan il-Programm fil-livell ta' riżultati u impatti, ***speċjalment dwar il-ħolqien tal-impjiegi u*** |

| | |
|---|---|
| deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. Ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-għanijiet kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan għandu jqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-miżuri preċedenti; | ***t-tkabbir ekonomiku,*** l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tiegħu, fid-dawl ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. Ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-għanijiet kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan għandu jqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-miżuri preċedenti; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Sabiex il-fondi jaslu għand l-SMEs, għandha titqiegħed fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ biex ikun żgurat li l-banek jużaw il-fondi u l-garanziji biex iżidu s-self lill-SMEs. Din tista' tinkludi skedi ta' rappurtar u kodiċi ta' kondotta għall-banek li jsellfu lill-SMEs. Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tiżgura wkoll li mhux intrapriżi ta' daqs medju biss qed jirċievu self mill-fondi tal-Unjoni, iżda anke dawk żgħar u mikro.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Strumenti finanzjarji skont il-Programm għandhom jitħaddmu bl-għan li jkun ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi tal-SMEs ***orjentati lejn it-tkabbir***. L-istrumenti fianzjarji għandhom jinkludu faċilità ta' | 1. Strumenti finanzjarji skont il-Programm għandhom jitħaddmu bl-għan li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-finanzi tal-SMEs ***fil-fażijiet tagħhom tal-bidu, tat-tkabbir u tat-trasferiment***. L-istrumenti fianzjarji għandhom jinkludu faċilità ta' ekwità u |

| | |
|---|---|
| ekwità u faċilità ta' garanzija fuq self. | faċilità ta' garanzija fuq self. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-SMEs huma sensittivi għal kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu malajr, u huwa importanti li tinżamm miżura ta' flessibilità meta jiġu allokati l-fondi.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs ***orjentati għat-tkabbir*** jistgħu, fejn hu xieraq, jiġu magħquda ma' strumenti finanzjarji oħra stabbiliti mill-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom skont [l-Artikolu 33(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X [ir-Regolament il-Ġdid dwar il-Fondi Strutturali]], u għotjiet iffinanzjati mill-Unjoni, inkluż taħt dan ir-Regolament. | 2. L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs jistgħu, fejn hu xieraq, jiġu magħquda ma' strumenti finanzjarji oħra stabbiliti mill-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom skont [l-Artikolu 33(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X [ir-Regolament il-Ġdid dwar il-Fondi Strutturali]], u għotjiet iffinanzjati mill-Unjoni, inkluż taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 43**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – għan ġenerali 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Li tissaħħaħ il-kompetittività u s-sostennbbiltà tal-intrapriżi tal-Unjoni ***inkluż fis-settur tat-turiżmu*** | 1. Li tissaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi tal-Unjoni |

**Emenda 44**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – għan ġenerali 1 – indikatur tal-impatt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Bidla tal-piż amministrattiv*** fuq l-SMEs (Għadd ta' jiem li hemm bżonn biex tiġi stabbilita intrapriża ġdida) | ***Tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u regolatorji*** fuq l-SMEs (Għadd ta' jiem li hemm bżonn biex tiġi stabbilita intrapriża |

| | |
|---|---|
| | ġdida) |

**Emenda 45**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – għan speċifiku 1 – L-iżvilupp tal-politika tal-SMEs – indikatur tar-riżultat 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għadd ta’ Stati Membri li jużaw it-test tal-SME | L-għadd ta' Stati Membri li jużaw it-test tal-SME ***u t-test tal-impatt fuq il-kompetittività*** |

**Emenda 46**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – għan speċifiku 2 – Sostenn għall-imprenditorija – mira fuq il-medda medja ta' żmien (riżultat) 2017 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madwar*** seba’ miżuri ta' simplifikazzjoni fis-sena | ***Tal-anqas*** seba’ miżuri ta' simplifikazzjoni ***adottati*** fis-sena |

**Emenda 47**
**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-EFG għandha tiffoka fuq fondi li jipprovdu kapital ta’riskju u finanzjament intermedju, bħalma hu s-self subordinat u parteċipanti, għall-intrapriżi ta’ espansjoni u dawk li qegħdin fi stadju ta’ tkabbir, partikolarment dawk li joperaw transkonfinalment, filwaqt li jkollha l-possibbiltà biex tagħmel investimenti f'intrapriżi li qegħdin fi stadju bikri flimkien mal-faċilità tal-ekwità għar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni skont l-Orizzont 2020. Fil-każ tal-aħħar, l-investiment minn l-EFG m’għandux jaqbeż l-20 % tal-investiment totali tal-UE ħlief f'każijiet ta' fondi f'diversi stadji, fejn il-finanzjament mill-EFG u l-faċilità tal-ekwità għar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni | 1. L-EFG għandha tiffoka fuq fondi li jipprovdu kapital ta’ riskju u finanzjament intermedju, bħalma hu s-self subordinat u parteċipanti, għall-intrapriżi ta’ espansjoni u dawk li qegħdin fi stadju ta’ tkabbir ***(li jinkludu l-intrapriżi inovattivi ta' espansjoni u dawk li qegħdin fi stadju ta' tkabbir)***, partikolarment dawk li joperaw transkonfinalment, filwaqt li jkollha l-possibbiltà biex tagħmel investimenti f'intrapriżi li qegħdin fi stadju bikri flimkien mal-faċilità tal-ekwità għar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni skont l-Orizzont 2020. Fil-każ tal-aħħar, l-investiment minn l-EFG m’għandux jaqbeż l-20 % tal-investiment totali tal-UE ħlief f'każijiet ta' fondi f'diversi stadji, fejn il- |

se jkun ipprovdut fuq bażi pro rata, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. L-EFG għandu jevita li jixtri kapital ta' akkwist jew kapital ta' bdil intiż għax-xoljiment ta' intrapriża akkwistata. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda l-limitu ta' 20 % fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

finanzjament mill-EFG u l-faċilità tal-ekwità għar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni se jkun ipprovdut fuq bażi pro rata, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. L-EFG għandu jevita li jixtri kapital ta' akkwist jew kapital ta' bdil intiż għax-xoljiment ta' intrapriża akkwistata. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda l-limitu ta' 20 % fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020) |
| **Referenzi** | COM(2011)0834 – C7-0463/2011 – 2011/0394(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>13.12.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>13.12.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Emma McClarkin<br>29.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.4.2012 30.5.2012 9.7.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.7.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Emilie Turunen, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Jürgen Creutzmann, María Irigoyen Pérez, Emma McClarkin, Sabine Verheyen, Anja Weisgerber |